**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 22/06VG**

**Epifanio Azzopardi u martu Georgina Azzopardi**

**Vs**

**Jesmond Mangion, Gaetano Cuschieri u Antoine Attard fil-kapacità taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Hamrun Spartans Football Club u Romie Fanciulli**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Epifanio Azzopardi u martu Georgina Azzopardi permezz ta' liema jitolbu li Jesmond Mangion, Gaetano Cuschieri u Antoine Attard fil-kapacità taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Hamrun Spartans Football Club u Romie Fanciulli jigu kkaundannati jhallsuhom, solidalment bejniethom, is-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltija (Lm2,500), illum ekwivalenti ghal hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43), liema somma kienet giet mislufa minn Epifanio Azzopardi lill-Hamrun Spartans Football Club, u dwar liema self Romie Fanciulli ikkostitwixxa ruhu bhala garanti in forza ta' skrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989, bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi u bl-ispejjez, inklzui dawk ta' l-ittri legali datati 25 ta' Ottubru 2005 u 2 ta' Novembru 2005, kontra l-konvenuti kollha;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Fanciulli permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-atturi stante li huwa qatt ma ffirma xi skrittura kif minnhom allegat u huwa qatt ma dahal biex jaghmel tajjeb personalment ghal xi flus mislufa minn Hamrun Spartans Football Club kif allegat;

Rat li waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2006 gie verbalizzat li l-konvenuti Jesmond Mangion, Gaetano Cuschieri u Antoine Attard fil-kapacità taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Hamrun Spartans Football Club, baqghu kontumaci[1];

Rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-23 ta' Novembru 2006[2] u tas-27 ta' Novembru 2007[3] u rat id-dokumenti esebiti mill-atturi markati Dok. "EA1" a fol. 16 tal-process u Dok. "RA" a fol. 36 tal-process, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Victor Attard[4] u Victor Zammit[5] moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006, rat u kkunsidrat ix-xhieda tal-konvenut Fanciulli moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2007[6], tas-6 ta' Marzu 2007[7] u tat-8 ta' Jannar 2008[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RF1" u Dok. "RF2" a fol. 51 sa' 54 tal-process, rat l-affidavit ta' Justin Tabone esebit mill-atturi permezz ta' Nota ipprezentata fil-11 ta' Mejju 2007 a fol. 37 u 38 tal-process, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2007[9] u x-xhieda moghtija minn Roland Magri moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2008[10];

Rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Kalligrafu Juliana Scerri Ferrante u d-dokumenti annessi maggha a fol. 70 tal-process;

Rat in-Nota tal-konvenut Fanciulli permezz ta' liema talab in-nomina ta' Periti Perizjuri[11] u rat li in segwitu ghal din in-Nota gie nominat bhala Perit Addizzjonali Dr. Anthony Abela Medici[12];

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Addizzjonali Dr. Anthony Abela Medici a fol. 101 sa' 126 tal-process;

Rat il-mistoqsijiet in esekussjoni lill-Perit Addizzjonali da parte tal-konvenut Fanciulli[13];

Semghet ix-xhieda tal-Perit Addizzjonali Dr. Anthony Abela Medici moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013[14];
Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi a fol. 140 sa' 147 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut Fanciulli a fol. 150 sa' 152 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Fol. 11 tal-process.
[2] Fol. 13 sa' 15 tal-process.
[3] Fol. 46 tal-process.
[4] Fol. 18 u 19 tal-process.
[5] Fol. 20 u 21 tal-process.
[6] Fol. 26 u 27 tal-process.
[7] Fol. 32 sa' 34 tal-process.
[8] Fol. 49 u 50 tal-process.
[9] Fol. 40 sa' 44 tal-process.
[10] Fol. 57 sa' 59 tal-process.
[11] Fol. 71 tal-process.
[12] Fol. 74 tal-process. Il-partijiet qablu li minhabba n-numru limitat ta' Esperti fil-kamp tal-Kalligrafija, f'dan il-kaz jigi nominat Perit Addizzjonali wiehed biss.
[13] Nota pprezentata fl-4 ta' Novembru 2013, fol. 129 tal-process.
[14] Fol. 136 sa' 138 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenuti Jesmond Mangion, Gaetano Cuschieri u Antoine Attard fil-kapacità taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Hamrun Spartans Football Club u l-konvenut Romie Fanciulli [iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikati flimkien bhala l-konvenuti kollha] jigu ikkaundannati jhallsuhom, solidalment bejniethom, is-somma ta' Lm2,500, illum ekwivalenti ghal €5,823.43, liema somma kienet giet mislufa mill-attur lill-Hamrun Spartans Football Club, u dwar liema self il-konvenut Fanciulli ikkostitwixxa ruhu bhala garanti in forza ta' skrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989.

Il-konvenuti Jesmond Mangion, Gaetano Cuschieri u Antoine Attard fil-kapacità taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Hamrun Spartans Football Club baqghu kontumcai filwaqt li l-konvenut Fanciulli laqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-atturi stante li huwa qatt ma ffirma xi skrittura kif minnhom allegat u huwa qatt ma dahal biex jaghmel tajjeb personalment ghal xi flus mislufa minn Hamrun Spartans Football Club kif allegat.

Il-Qorti tibda biex tosserva - u dana kif anke gustament rilevat mill-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom[15] - li *l-kontumacja ma ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha ta' l-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali ghall-artikolu bl-Att XXIV ta' l-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali*[16].

Fid-dawl ta' dan il-principju u fid-dawl tal-principju ulterjuri li l-premessi attrici ghandhom jigu ppruvati anke fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali[17], il-Qorti ser tghaddi l-ewwel biex tikkonsidra jekk l-atturi rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti li l-attur Epifanio Azzopardi kien effettivament silef is-somma ta' Lm2,500, illum ekwivalenti ghal €5,823.43, lill-Hamrun Spartans Football Club. Din il-prova da parte ta' l-atturi hija ferm importanti anke fil-kuntest tat-talba taghhom kif diretta fil-konfront tal-konvenut Fanciulli *qua* garanti solidali, stante li a tenur ta' l-Artikolu 1926(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *ma jistax ikun hemm garanzija hlief ghal obbligazzjoni li tkun tiswa.*

---

[15] Para. IV tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi, fol. 141 et seq. tal-process.

[16] Helen Miceli v. Carmelo Pisani, Citaz. Nru. 1761/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2004.

[17] Maria Debono v. Avukat Dr. Paolo Mercieca, Appell Civili Nru. 73/58 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004.

In sostenn tal-pretensjoni taghhom li l-attur silef lill-Hamrun Spartans Club is-somma ta' Lm2,500, l-atturi ressqu bhala xhieda, oltre lill-attur innifsu, *inter alia* lil Victor Attard, Vici-President tal-Hamrun Spartans Club fl-2005/2006, lil Justin Tabone, membru tal-Hamrun Spartans Club bejn l-1990 u l-1999 u anke ghamel xi zmien Direttur ta' l-istess Club, u lill-Avukat Dottor David Farrugia Sacco, President tal-Hamrun Spartans Club bejn Jannar u Gunju ta' l-2003.

Waqt ix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006[18], Victor Attard iddikjara: *illum jiena nokkupa l-kariga ta' Vici-President tal-Hamrun Spartans Football Sports Club. Fl-1989 ma kontx membru tal-Kumitat. Peress illi jiena ma kontx membru tal-Kumitat fl-1989, meta giet redatta l-iskrittura Dok. EA1[19], jiena ma nafx x'gara bejniethom dak iz-zmien. Però naf illi dan l-ahhar, f'Dicembru 2005, l-attur kien gie l-Club u attenda ghal xi laqgha tal-Kumitat. Gie xi darbtejn jew tlieta u dejjem gie bit-talba illi jithallas ghall-flus illi kien sellef u qal li kien sellifhom lil Romeo Fanciulli. Qalilna illi jekk il-Club ma kienx ser ihallsu, allura kien ser idur fuq Romeo. L-iskrittura Dok. EA1 ma rajthiex. Naf illi dakinhar jien ghidtlu illi jista' jdur fuq Romeo ghax il-Club ma kellux flus. Kien il-Kumitat kollu illi kellu dak il-hsieb.*

Fl-affidavit[20] tieghu Justin Tabone iddikjara: *mis-snin 1990 sa' 1999 jien kont membru tal-Hamrun Spartans Football Club u ghamilt zmien ukoll Direttur ta' l-istess Club. Niftakar illi kien hemm diversi individwi li kienu jisilfu l-flus lill-Club u kien hemm okkazzjonijiet fejn il-membri tal-Kumitat kienu jidhlu responsabbli personalment ghal dawn id-djun. Anke jien kont dhalt responsabbli personali ghal dejn partikolari. Niftakar illi Epifanio Azzopardi kien silef il-flus lill-Club u li kien hemm dejn li kien dovut lill-istess Azzopardi li ghalih kien responsabbli personalment Romie Fanciulli, li dak iz-zmien kien Vici-President. Epifanio Azzopardi kien jattendi tista' tghid f'kull seduta li kien ikollna tal-Kumitat biex jara meta ser jithallas u f'xi okkazzjonijiet konna tajnieh xi haga mizera bhal ghaxar Liri Maltin (Lm10) biex naghlqulu halqu ghal ftit zmien. Fanciulli kien jghidilna biex niehdu hsieb li nhallsu dan id-dejn lil Azzopardi.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2007[21], l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco iddikjara li: *jiena ghamilt zmien bhala l-President tal-Hamrun Spartans Football Club bejn Jannar 2003 u Gunju ta' l-istess sena. Lill-attur Epifanio Azzopardi, maghruf bhala Fani, nafu sew u nafu fl-ambjenti tal-Club, kif naf ukoll is-Sur Fanciulli. Dak iz-zmien illi jiena kont President, il-posizzjoni finanzjarja tal-Club kien prekarju hafna u ghalhekk kont iddecidejt illi naghmel elenku tal-kredituri u nara x'jista' jithallas minnhom jew le. Dan l-elenku sar u meta bdejt naghmel ezami bir-reqqa tat-talbiet taghhom, gieni xi suspett illi xi uhud minnhom setghu kienu rizultat ta' uzura. Però fil-kaz ta' bejn Epifanio Azzopardi u Fanciulli, dan ma rrizultax. Anzi, jiena kont konvint illi verament kienu ghaddew il-flus fl-ammont indikati. Li kien gara f'dan il-kaz, kien illi l-attur Epifanio Azzopardi, kien sellef flus lill-Club u bhala garanti kienu dahlu s-Sur*

[18] Fol. 18 u 19 tal-process.
[19] L-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989.
[20] Fol. 38 tal-process.
[21] Fol. 40 sa' 44 tal-process.

*Fanciulli u nies ohra. Is-Sur Azzopardi kien urieni xi dokumenti però ma hallilix kopji w abbazi ta' dawn jiena bghatt ghas-Sur Fanciulli u s-Sur Debattista u kont kellimthom fl-ufficcju tigeghi l-Hamrun fejn tawni spjegazzjoni tal-kwistjoni x'kienet. Dawn ukoll ikkonfermaw mieghi illi l-flus kienu ssellfu mill-Club u li huma dahlu biss bhala garanti. Jiena ma stajtx naghmel ezami profondit tad-dokument illi gie muri lili. Rajtu biss dak il-hin u tajt il-parir tieghi prima facie fuq l-affarijiet kif dehruli dak il-hin. Peress illi ma kellix access ghad-dokumenti, jiena ma stajtx naghti parir aktar profondit minn dan illi ghadni kemm semmejt. ... Qed nigi muri l-kopja ta' l-iskrittura illi hemm a fol. 16 tal-process. Illum jiena ma nistax niftakar din l-iskrittura peress illi ghadda z-zmien. Però dak li hemm mitkub jirrispekkja dak illi ghadni kemm xehdt dwaru lill-Qorti. Jiena kont tajt il-parir, illi ma kelli dubju, illi s-somma kienet dovuta mill-Club u ma kienx sew illi s-Sur Fanciulli johrog il-flus minn butu meta l-Club kien fil-fatt qed ihallas kredituri ohra fl-istess zmien. Ma niftakarx jekk fil-laqgha illi kelli mas-Sur Fanciulli u Gejtu Debattista kellix id-dokument f'idejja. Però il-kunsenuns bejnietna kien illi l-ammont kien dovut mill-Club, però s-Sur Fanciulli kien ikkonferma mieghi illi huwa kien dahal garanti ghal dawk il-flus. Però ma kienx qed jaccetta illi kienu dovuti minnu.*

In kontro-ezami l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco xehed ulterjorment illi: *niftakar illi l-kaz tas-Sur Azzopardi u s-Sur Fanciulli kien wiehed minn ta' l-ewwel illi gie diskuss wara illi jiena sirt President. Is-Sur Azzopardi huwa midhla tal-Club u jkun hemmhekk ta' spiss. Jiena kont inzomm il-laqghat tal-Kumitat kull nhar ta' Tnejn. Allura min kellu xi claim kontra l-Club kien jaf b'dawn il-laqghat, allura kien jigi biex iressaq it-talba tieghu. Is-Sur Azzopardi kien wiehed minn ta' l-ewwel li gie diskuss mill-Kumitat. Fi zmieni wkoll kont appuntajt sotto-Kumitat tal-Finanzi, illi jiddiskuti proprio dawn it-talbiet. Minbarra dak tas-Sur Azzopardi, kien hemm xi talbiet ohra. Wiehed minnhom, per ezempju, jiena kont perswaz illi ma kienx genwin. Dan ma kienx il-kaz tas-Sur Azzopardi. Il-kaz tieghu zgur illi gie diskuss mis-sotto-Kumitat illi imbaghad ghadda l-konkluzjonijiet tieghu lill-Kumitat. Però jiena naf zgur illi meta kienu gew kellmuni s-Sur Fanciulli u s-Sur Debattista, jiena kont ghamiltha cara maghhom illi d-dejn kien tal-Club, u jekk ma jhallasx il-Club allura s-Sur Azzopardi kien ser ikun intitolat idur fuq is-Sur Fanciulli ... ghas-sodisfazzjoni tas-self tieghu. F'dan l-istadju qed nassumi li s-Sur Debattista kien qieghed garanti wkoll. ... Illum ma niftakarx dwar l-ammont illi gie diskuss f'dik il-laqgha illi kelli mas-Sur Fanciuli u Gejtu Debattista. Però li niftakar zgur illi kont impressjonajt ruhi ghall-fatt illi ma kienx ammont kbir u ma kienx ammont illi Club tal-Football ma setghax ihallas. Is-Sur Azzopardi dejjem tkellem dwar ammont wiehed - ammont illi jiena dehrli illi kien wiehed zghir. Bhal ma diga ghidt, is-Sur Gejtu Debattista kien prezenti ghax hu kien involut. Verament hu kien involut kwazi disgha u disghin fil-mija tad-djun kollu illi kellu l-Club - bejn ghax kien ex-President u bejn il-ghaliex mis-snin tmenin kien dejjem kien qed ikun fuq il-Kumitat. Però illum ma niftakarx jekk fuq l-iskrittura kienx hemm il-firma tas-Sur Debattista jew le. Bhalma ma niftakarx jekk kienx hemm il-firma tas-Sur Fanciulli jew le. Ma niftakarx jekk l-isem tas-Sur Gejtu Debattista kienx fuq l-iskrittura illi kien urieni s-Sur Azzopardi. Però, bhal ma diga ghedt, naf illi s-Sur Debattista kien gie mas-Sur Fanciulli l-ufficcju u tkellimna dwar din l-iskrittura. Naf illi s-Sur Fanciulli kien involut ghax ismu niftakru car, ghax m'huwiex isem komuni.*

Minn dak li jirrizulta mill-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989, esebita bhala Dok. "EA1" a fol. 16 tal-process, u minn dak dikjarat minn dawn it-tlett xhieda, liema xhieda ma gewx sodisfacentement kontradetti mill-konvenut, u minn dak affermat mill-attur fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2006[22] u waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2007[23], fejn f'din l-ahhar xhieda ccara li s-self mertu ta' dawn il-proceduri huwa dak li jirrizulta mill-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989, esebita a fol. 16 tal-process, u mhux ukoll is-self li jirrizulta mill-iskrittura privata datata 6 ta' Lulju 1989, esebita a fol. 36 tal-process, in kwantu dan l-ahhar self thallas, il-Qorti tqis li l-atturi rnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li bhala fatt l-attur kien silef lill-Hamrun Spartans Football Club is-somma ta' Lm2,500, illum ekwivalenti ghal €5,823.43, liema somma sa' llum ghadha ma thallsitx. L-atturi ghalhekk irnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li huma effettivament kredituri tal-Hamrun Spartans Football Club fis-somma ta' €5,823.43, ekwivalenti ghal Lm2,500.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa tigi kkunsidrata l-posizzjoni tal-konvenut Fanciulli f'din il-kwistjoni kollha.

L-atturi kjarament jibbazaw it-talba taghhom fil-konfront tal-konvenut Fanciulli ukoll, fuq dak stipulat fl-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989 u cioè: *jiena li hawn taht tidher il-firma tieghi (Romeo Fanciulli) qieghed niddikjara li qieghed naghmel tajjeb ghas-self tas-somma ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2,500.00) minghand is-Sur Effie Azzopardi liema somma s-Sur Azzopardi qieghed jislef lil Hamrun Spartans F.C. u li ghandha tithallas f'pagamenti ta' mitejn lira fix-xahar (Lm200.00). L-ewwel pagament ghandu jibda jithallas fl-ahhar tax-xahar ta' Jannar, 1990. Il-pagamenti ta' l-ewwel tlett xhur ghandhom jinkludu (Lm50.00) hamsin Lira Maltin extra biex ikopru l-imghax li ntilef,* liema skrittura giet iffirmata mill-konvenut Fanciulli.

Il-konvenut jikkontendi però li l-firma fuq dik l-iskrittura ma hijiex tieghu u li huwa qatt ma ntrabat biex jaghmel tajjeb ghal dan is-self ta' Lm2,500 lill-Hamrun Spartans Football Club. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2007[24], il-konvenut Fanciulli ddikjara: *qieghed nigi muri l-kopja tal-ftehim illi hemm esebit a fol. 16* (ossia l-iskrittura privata datat 22 ta' Novembru 1989). *Nibda biex nghid illi l-ewwel darba illi rajt din il-kopja hija fil-mori ta' din il-kawza. Il-firma illi hemm fid-dokument m'hijiex tieghi. Hemm hafna ittri neqsin u m'hijiex miktuba bil-mod illi nikteb jien. Nibda biex nghid illi jiena nzomm dejjem l-istess linja u mhux nibda fuq linja u nispicca fuq ohra u hemm xi ittri wkoll neqsin. Jiena qatt ma ssellift flus minghand l-attur, lanqas ghan-nom tal-Club tal-Hamrun. Terga' u tghid mid-data ta' l-iskrittura, u cioè Novembru 1989, jiena qatt ma rcevejt xi ittra jew xi ittra ufficjali minghand l-attur sabiex inhallas xi ammonti jew ammont indikat fl-istess skrittura.*

[22] Fol. 13 sa' 15 tal-process.
[23] Fol. 46 tal-process.
[24] Fol. 26 u 27 tal-process.

Nonostante dak affermat mill-konvenut Faniculli però, miz-zewg Perizi Kalligrafici li saru fil-kors ta' dawn il-proceduri, ossia l-Perizja ta' l-Espert nominat mill-Qorti, Juliana Scerri Ferrante, u l-Perizja tal-Perit Addizzjonali mitlub mill-konvenut, Dr. Anthony Abela Medici, jirrizulta li l-firma fuq l-iskrittura privata datat 22 ta' Novembru 1989, esebita a fol. 16 tal-process, hija effettivament il-firma tal-konvenut.

Fir-rigward u wara li ghamlet l-analizi u komparazzjoni necessarja, l-Espert Juliana Scerri Ferrante kkonkludiet illi: *il-firma indikata fol. 36 ma hiex il-firma li ssoltu juza Romeo Fanciulli, avolja hu qed jghid illi hu ffirmah. Illi l-firma li tinstab a fol. 16 probabilment giet miktuba minnu. Il-perit grafiku hija ta' l-opinjoni illi aktar hemm cans illi Romeo Fanciulli iffirma d-dokument a fol. 16 milli dak a fol. 36, peress illi aktar inhargu karatteristici tieghu fil-firma a fol. 16 milli a fol. 36. Hija l-opinjoni tal-perit grafiku li l-awtur tal-firem li jinstabu a fol. 36 u a fol. 16 ma humiex l-istess izda kif jidher mill-verbal, huwa indikat li l-firma fid-dokument a fol. 36 hija dik ta' Romeo Fanciulli. Peress li d-dokument a fol. 16 ma kienx fl-original tiegthu, ma setghetx tigi studjata l-pressjoni, li hija karatteristiku importanti li setgha jistabilixxi konferma ta' l-awtur. Izda anke minghajr dan l-ezaminazzjoni, fl-opinjoni tal-perit grafiku, huwa car peress li instabu karatteristici bizzejjed sabiex hi tghid u tikkonferma l-probabilità li Romeo Fanciulli ffirma d-dokument a fol. 16. Il-perit grafiku tattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li skrittura hija att volontarju u li firma tant hija qasira li huwa facli li wiehed ibiddilha kompletament sabiex din tigi nnegata fil-futur. Infatti, il-firma li hija ndikata a fol. 36, li hija l-firma awtentika ta' Romeo Fanciulli, ma tidhirx u ma hiex il-firma li s-soltu huwa jaghmel.*

Il-Perit Addizzjonali Dr. Anthony Abela Medici, wara li ghamel l-analizi u komparazzjoni mehtiega, fis-sustanza kkonstata u kkonkluda li: *minn dawn il-provi jidher car li l-firma fuq id-dokument a fol. 77,* [ossia l-original ta' l-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989], *hija dik ta' Romeo Fanciulli. Il-firma a fol. 36, dikjarata awtentika minn Romeo Fanciulli nnifsu, hi nieqsa minn xi karatteristici li nsabu fil-firem awtentici ta' Fanciulli, kif ukoll fil-firma a fol. 77, izda hi wkoll validament genwina u taqbel fil-kumplament mal-firem li normalment jaghmel Romeo Fanciulli. F'pagna 9 ta' dan ir-rapport gie dikjarat li kien jidher car miz-zewg kitbiet (barra il-firem) a fol. 36* [l-iskrittura privata datata 6 ta' Lulju 1989] *u a fol. 77* [l-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989], *li dawn kellhom awtur wiehed u komuni bejniethom u ghalhekk gia la darba d-dokument a fol. 36 gie dikjarat li kien inkiteb minn Victor Tedesco, allura d-dokument a fol. 77 gie wkoll miktub mis-Sur Victor Tedesco li kien President tal-Klabb. Ghaldaqstant, dan jikkorobora l-fatt li l-firem ta' Romeo Fanciulli fuq iz-zewg dokumenti nstabu li kellhom awtur wiehed u komuni. Jibqa' biss il-possibilità ta' ikkupjar tal-firma minn fuq xi firma ohra. Sabiex wiehed jikkopja firma hemm zewg mezzi. Jew jikkopja bil-mod hafna sabiex igib il-firma qrib hafna ta' l-original, izda sabiex jaghmel dan irid bilfors jikteb bil-mod u jhalli hafna pawzi li facilment jintarfu fil-firma. Dan ma kienx il-kaz ghaliex il-pawzi biss li jidhru huma dawk elenkati bhala 'hiatus' fis-subartikolu 1 ta' dan ir-rapport u li huma karatteristici tal-firem awtentikati ta' Fanciulli. It-tieni possibilità hi, li sabiex ma thallix pawzi fl-ikkuppjar tal-firma, tikkupjha mghaggel hafna izda f'dan il-kaz isiru hafna izjed zbalji li wkoll jintgharfu. Dan ma kienx lanqas il-kaz*

*u ghalhekk l-esponent ma sab l-ebda evidenza ta' ikkupjar tal-firma minn xi terza persuna u lanqas ma sab evidenza ta' tracing tal-firma bhal tracci ta' lapes jew firma ppressata gol-karta li thalli impressjoni anke fuq wra. Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni ta' l-esponenti, kwalifikata bi tletin sena esperjenza fl-ezamijiet ta' kaligrafija, il-firma fuq id-dokument EA1 a fol. 16 u fuq l-original tieghu a fol. 77 hija l-firma tal-konvenut Romeo Faniculli.*

Il-Qorti ma ssib ebda raguni in bazi ghal liema ma ghandhiex toqghod fuq il-Perizji in kwistjoni u ghaldaqstant taghmel taghha l-konkluzzjonijiet imsemmija u cioè li l-firma li tidher fuq l-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989, hija l-firma awtentika tal-konvenut Romeo Fanciulli.

Raggunta din il-konkluzjoni jsegwi ghalhekk li bis-sahha ta' dik l-iskrittura privata il-konvenut Romeo Fanciulli kkostitwixxa ruhu garanti, per di più soldali, mal-Hamrun Spartans Football Club ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,500, illum ekwivalenti ghal €5,823.43, mislufa lill-imsemmi Club mill-attur.

A tenur ta' l-Artikolu 1925 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-garanzija hija kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu,* u a tenur ta' l-Artikolu 1929 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa; u ma tistax tinhareg barra mill-limiti li fihom tkun giet ikkuntrattata.* L-Artikoli 1934 u 1935 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li: *il-garanti hu obbligat biss ihallas meta jonqos id-debitur principali, illi qabel xejn ghandu jigi eskuss fuq il-beni tieghu* [Artikolu 1934]. *Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx: (a) jekk il-garanti jkun irrinunzja ghal dan il-beneficcju; (b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur; (c) jekk id-debitur jista' jaghti eccezzjoni personali, bhal dawk imsemmija fl-artikolu 1926; (d) jekk id-debitur, ikun sar mhux solvibbli* [Artikolu 1935]. L-Artikolu 1941 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-garanti fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur.*

Fir-rigward tas-solidarjetà, l-Artikolu 1089 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *ma jitqies li hemm soldarjetà. Jekk ma tkunx iddikjarata mill-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament.* Biex is-solidarjetà titqies li hija miftiehma jehtieg li jissussistu s-segwenti elementi: (i) il-pluralità ta' soggetti; (ii) l-*idem debitum*, ossia l-istess prestazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 1094 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, anke jekk ikun jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta' whud mill-kondebituri (Artikolu 1095), diretta ghas-sodisfaciment ta' l-istess interess kreditorju; u (iii) l-*eadem cause* obligandi. F'tali kaz japplika wkoll il-principju li r-ratio tas-solidarjetà huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri[25].

Meta l-fatti ta' dan il-kaz jew ahjar meta l-iskrittura privata datata 22 ta' Novembru 1989, iffirmata mill-konvenut Fanciulli li dak iz-zmien kien ukoll Vici-President tal-

[25] Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited v. Mario Pickard, Appell Civili Nru. 2100/02, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005, Carmel Sciberras pro et noe v. Youssef Rhouri et, Appell Civili Nru. 81/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Novembru 2005, u Paul Cauchi v. HSBC Bank (Malta) p.l.c., Appell Civili Nru. 147/07 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Novembru 2010.

Hamrun Spartans Football Club, tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dawn il-principji guridici jirrizulta li, jigi ribdait, il-konvenut Fanciulli kkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-Hamrun Spartans Football Club vis-à-vis l-atturi. Ghad illi ma jirrizultax li l-kreditu ta' l-attur mal-Hamrun Spartans Football Club huwa wiehed kummercjali, mill-iskrittura in kwistjoni jissussistu l-elementi kollha mehtiega biex jistabilixxu b'mod konklussiv li l-garanzija tal-konvenut Fanciulli mal-Hamrun Spartans Football Club hija sostenuta bis-soldarjetà.

Din is-solidarjetà bejn il-konvenut Fanciulli u l-Hamrun Spartans Football Club, oltre milli tikkostitwihom bhala debituri solidali bejniethom ta' l-atturi, timpingi serjament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess imsemmi Fanciulli.

Fir-Risposta tieghu l-konvenut Fanciulli jeccepixxi li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li: *l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin - l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku.* F'materja ta' preskrizzjoni jissussisti l-principju guridiku li l-preskrizzjoni li tkun iddekorriet tista' tigi rinunzjata, hekk kif provdut fl-Artikolu 2108(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u hekk kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Eucharistico Gauci v. Jesmond Borg et, Appell Civili Nru. 135/02**, deciza fl-14 ta' Lulju 2005: *jezistu cirkostanzi li manifestament jiddimostraw illi l-preskrizzjoni eccepita hi inkompatibbli meta jirrizultaw certi attijiet ohra. B'ezemplari jistghu jissemmew il-kaz tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn ... il-pagament akkont ... il-prova ta' l-ammissjoni tad-dejn ... u l-kompensazzjoni. Dawn l-ezemplari kollha jirrientraw fil-kwadru guridiku ahjar konoxxut bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni. Kif jinghad mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni "l'eccezzione in senso proprio, e pertanto può essere presa in esame dal giudice anche 'ex officio' senza bisogno di un' apposita iniziativa della parte interessata, purchè, i fatti sui quali l'eccezzione si fonda, anche se non allegati dalla parti siano stati ritualmente acquisti al processo'*[26].

Ghalkemm il-konvenut Fanciulli fl-ebda stadju tul il-kors ta' dawn il-proceduri ma irrikonoxxa debitu versu l-atturi, tali rikonoxximent tad-dejn jirrizulta da parte tal-Hamrun Spartans Football Club, kemm da parte ta' nies li kellhom karigi fil-Club qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni kif ukoll da parte tal-Vici-President tal-Club fiz-zmien tal-proceduri in ezami. In effetti minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li:

- Justin Tabone, membru tal-Club Bejn l-1990 u l-1999, irrikonoxxa d-dejn tal-Hamrun Spartans Football Club versu l-atturi - ***niftakar illi Epifanio Azzopardi kien silef il-flus lill-Club u li kien hemm dejn li kien dovut lill-istess Azzopardi li ghalih kien responsabbli personalment Romie Fanciulli, li dak iz-zmien kien Vici-President. Epifanio Azzopardi kien jattendi tista' tghid f'kull seduta li kien ikollna tal-Kumitat biex jara meta ser jithallas u f'xi okkazzjonijiet konna tajnieh xi haga mizera***

[26] Eucharistico Gauci v. Jesmond Borg, Appell Civili Nru. 135/02, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2004.

***bhal ghaxar Liri Maltin (Lm10) biex naghlqulu halqu ghal ftit zmien. Fanciulli kien jghidilna biex niehdu hsieb li nhallsu dan id-dejn lil Azzopardi[27]***;

- L-Avukat Dottor Daivd Farrugia Sacco, President tal-Hamrun Spartans Football Club bejn Jannar u Gunju tas-sena 2003, bla tlaqliq ta' xejn irrikonoxxa dan id-dejn tal-Club ma' l-atturi - *jiena ghamilt zmien bhala l-President tal-Hamrun Spartans Football Club bejn Jannar 2003 u Gunju ta' l-istess sena. Lill-attur Epifanio Azzopardi, maghruf bhala Fani, nafu sew u nafu fl-ambjenti tal-Club, kif naf ukoll is-Sur Fanciulli. Dak iz-zmien illi jiena kont President, il-posizzjoni finanzjarja tal-Club kien prekarju hafna u ghalhekk kont iddecidejtn illi naghmel elenku tal-kredituri u nafa x'jista' jithallas minnhom jew le. Dan l-elenku sar u meta bdejt naghmel ezami bir-reqqa tat-talbiet taghhom, gieni xi suspett illi xi whud minnhom setghu kienu rizultat ta' uzura.* ***Però fil-kaz ta' bejn Epifanio Azzopardi u Fanciulli, dan ma rrizultax. Anzi, jiena kont konvint illi verament kienu ghaddew il-flus fl-ammont indikati[28]***; u
- Victor Attard, Vici-President tal-Club fl-2005/2006, ma cahadx l-ezistenza ta' tali dejn u iddikjara li l-Club ma kienx se jhallas ghaliex ma kellux flus - *f'Dicembru 2005, l-attur kien gie il-Club u attenda ghal xi laqgha tal-Kumitat. Gie xi darbtejn jew tlieta u dejjem gie bit-talba illi jithallas ghall-flus illi kien sellef u qal li kien sellifhom lil Romeo Fanciulli. Qalilna illi jekk il-Club ma kienx ser ihallsu, allura kien ser idur fuq Romeo. L-iskrittura Dok. EA1 ma rajthiex.* ***Naf illi dakinhar jien ghidtlu illi jista' jdur fuq Romeo ghax il-Club ma kellux flus. Kien il-Kumitat kollu illi kellu dak il-hsieb[29]***.

Dawn id-dikjarazzjonijiet u b'mod partikolari x-xhieda ta' Victor Attard, li tul dawn il-proceduri, u certament fl-2005/2006, kien Vici-President tal-Hamrun Spartans Football Club, jikkostitwixxu rikonoxximent tad-dejn da parte ta' l-istess Hamrun Spartans Football Club versu l-atturi bil-konsegwenza li kwalunkwe preskrizzjoni li kienet lahqet iddekorriet sa tali rikonoxximent, li mix-xhieda ta' Victor Attard jirrizulta li sehh f'Dicembru 2005, ossia ftit gimghat qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri, giet rinunzjata da parte ta' l-istess Club. Fil-kaz in ezami dan ir-rikonoxximent tad-dejn da parte tal-Hamrun Spartans Football Club jeffettwa lil u jimpingi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Fanciulli stante li a tenur ta' l-Artikolu 1100 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ***l-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom[30]***.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat u fid-dawl tal-principju enuncjat fl-Artikolu 1100 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut Fanciulli ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

---

[27] Enfasi tal-Qorti. Fol. 38 tal-process.
[28] Enfasi tal-Qorti. Fol. 40 sa' 44 tal-process.
[29] Enfasi tal-Qorti. Fol. 18 u 19 tal-process.
[30] Enfasi tal-Qorti,

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Fanciulli,  tichad ukoll l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-istess konvenut Fanciulli, konsegwentement tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti  kollha sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' €5,823.43, ekwivalenti ghal Lm2,500, bl-imghax legali dekoribbli mit-13 ta' Marzu 2006, id-data meta jirrizulta li l-konvenuti kollha kienu notifikati bl-azzjoni attrici, dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuti kollha, in solidum bejniethom.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**